



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/2111(INI)

28.9.2015

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar fatturi esterni li jirrapreżentaw ostakoli għall-intraprenditorija femminili
Ewropea
(2015/2111(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

PR_INI

WERREJ

	Pàġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar fatturi esterni li jirrappreżentaw ostakoli għall-intraprenditorija femminili Ewropea (2015/2111(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata mir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 34/180 tat-18 ta' Diċembru 1979,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi u sentenza relatata tal-1 ta' Marzu 2011 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża Test-Achats (C-236/09)¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid)²,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 bl-isem "Implimentazzjoni tal-għanijiet ta' Barċellona rigward il-faċilitajiet ta' kura għat-tfal f'età ta' qabel l-iskola" (COM(2008)0638),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 intitolata "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE³,
- wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-

¹ ĠU C 130, 30.4.2011, p. 4.

² ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

³ ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.

titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (direttiva dwar in-nisa fuq bordijiet (COM(2012)0614)),

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2013 intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa" (COM(2012)0795),
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2013 dwar l-oġettivi ta' Barċellona intitolat "L-iżvilupp tas-servizzi ta' akkoljenza tat-tfal żgħar fl-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u inklusiv", (COM(2013)0322),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar l-intraprenditorija tan-nisa fl-impriżi ta' daqs żgħir u medju¹,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-eliminazzjoni tal-istereotipi tas-sessi fl-UE²,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0000/2015),
- A. billi l-intraprenditorija hija kruċjali għall-impjieg, it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, l-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar b'mod ġenerali;
- B. billi n-nisa kienu jammonataw biss għal 31 % tal-imprendituri (10.3 miljuni) fl-UE-28 fl-2012⁴;
- C. billi r-rata imprenditorjali femminili għadha lura fl-Istati Membri kollha u taħbi tkabbir mhux sfruttat u potenzjal ta' prosperità;
- D. billi r-riċerka kwantitattiva dwar l-intraprenditorija femminili hija skarsa imma studji riċenti juru li l-irġiel huma aktar probabbli min-nisa li jippreferu karrieri imprenditorjali⁵;
- E. billi l-intraprenditorija femminili hija sors qawwi ta' indipendenza ekonomika li toffri opportunità lin-nisa biex jikkombinaw ix-xogħol u l-kompiti ta' kura u tgħinhom jiksbu l-flessibbiltà fil-karrieri tagħhom; billi dan għandu jiġi distint bir-reqqa mill-impjieg indipendenti "fittizju";
- F. billi l-piżijiet amministrattivi jkomplu jkollhom effett negattiv fuq l-ispirtu imprenditorjali kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel;

¹ ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 56.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0074.

³ Testi adottati, P8_TA(2015)0320.

⁴ Kummissjoni (2014), Rapport dwar "Dejta statistika dwar l-Imprendituri nisa fl-Ewropa".

⁵ Kummissjoni (2012), Flash Eurobarometer 354 dwar "Intraprenditorija fl-UE u lil hinn".

- G. billi n-nisa għandhom it-tendenza li jivvalutaw il-livell ta' innovazzjoni tan-negozji tagħhom stess bħala iżjed baxx minn tal-irġiel u perċentwal żgħir biss tal-privattivi mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) jingħataw lin-nisa¹;
- H. billi l-impreduturi femminili għandhom it-tendenza li jikkonċentraw iżjed spiss fuq setturi li huma meqjusa inqas profitabbli, bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u x-xogħol fil-komunità, meta mqabbla mas-setturi b'potenzjal ta' tkabbir kbir iddominati mill-irġiel bħal dawk tat-teknoloġija u l-IT, u iżjed spiss joperaw f'intrapriżi fuq skala żgħira bi tkabbir u fatturat iżjed baxxi; billi dan irriżulta f'distakk fid-dħul nett medju fl-UE-28 fl-2012 ta' 6 % bejn l-impreduturi femminili u maskili²;
- I. billi diversi studji³ jiżvelaw li l-impreduturi femminili jibdew in-negozji b'livelli iżjed baxxi ta' kapital, jagħżlu self ta' inqas flus u jużaw il-familja għall-pariri u l-finanzjament aktar milli finanzjament b'dejn jew b'ekwità mill-banek, investituri informali, ekwità privata jew kapital ta' riskju;
- J. billi l-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għandha l-għan li tippromwovi opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, imma l-proporzjon ta' irġiel-nisa tal-mikrosself kien 60:40 fl-2013⁴;
- K. billi l-akbar diffikultà għall-impreduturi femminili biex ikollhom aċċess għall-finanzjament tista' parzjalment tkun relatata ma' diffikultà fil-bini ta' storja ta' kreditu suffiċjenti u esperjenza maniġerjali;
- L. billi l-istereotipi tal-kapaċitajiet tan-nisa u l-irġiel fil-qasam tal-intraprenditorija jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-partijiet interessati dwar negozji ġodda; billi s-sempliċi perċezzjoni li tista' ssir diskriminazzjoni kontrihom meta jippruvaw jaċċessaw il-finanzjament jista' jkollha impatt fuq id-deċiżjonijiet tan-nisa biex jibdew kumpaniji jew li jagħmlu dan b'self ta' inqas flus;
- M. billi l-involvement ta' persuni minn ambjenti diversi fil-proċessi tal-investment jista' jgħin biex jevita l-ħsieb fi grupp jew sterjotipat;
- N. billi d-Direttiva tal-UE 2004/113/KE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bejn is-sessi fl-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, li jinkludu l-banek u s-servizzi finanzjarji u servizzi assoċjati mal-istabiliment tan-negozji; billi huwa diffiċli li tiġi ppruvata d-diskriminazzjoni indiretta f'dan il-kuntest u l-Istati Membri kważi qatt ma jirrapportaw każijiet ta' diskriminazzjoni f'termini ta' aċċess għall-finanzi;
- O. billi d-dejta turi li n-nisa, minkejja t-twemmin li l-investituri femminili huma maniġers tar-riskju aħjar⁵, huwa probabbli li jkollhom tendenza akbar għall-averżjoni għar-riskju u nuqqas ta' kunfidenza akbar; billi dan jista' jwassal għal inqas kapaċità li tiġi ġġenerata kunfidenza minn partijiet esterni u jista' sussegwentement jinfluwenza l-

¹ Kummissjoni (2008), Rapport dwar "Evalwazzjoni tal-politika: il-promozzjoni tal-innovaturi nisa u tal-intraprenditorija tan-nisa".

² Kummissjoni (2014), Studju dwar "Dejta statistika dwar l-Impreduturi nisa fl-Ewropa".

³ Parlament (2015), Studju tad-Dipartiment tal-Politika dwar "L-Intraprenditorija tan-Nisa: nagħlqu d-disparità bejn is-sessi fl-aċċess għas-servizzi finanzjarji u servizzi oħrajn u fl-intraprenditorija soċjali".

⁴ Kummissjoni (2015), Evalwazzjoni interim tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress.

⁵ KPMG (2015), Rapport dwar "In-Nisa f'Investimenti Alternattivi".

possibbiltajiet tagħhom ta' finanzjament;

- P. billi l-impreduturi soċjali femminili jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-esklużjoni soċjali u billi l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' żvilupp ġodda u intraprenditorija soċjali huwa esperjenza li tagħti s-setgħa lin-nisa li possibbilment twassal għal iżjed parteċipazzjoni fl-intraprenditorija tradizzjonali;
- Q. billi hemm nuqqas ta' riċerka dwar is-sessi u l-aċċess għall-finanzi għal impreduturi soċjali filwaqt li, b'mod ġenerali, jidher li huwa iżjed kumpless għall-intrapriżi soċjali biex jiksbu l-finanzjament;
1. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-valur tal-intraprenditorija femminili għall-ekonomija tagħhom u l-ostakoli li jeħtieġ li jingħelbu; jistieden lill-Istati Membri jressqu strateġiji konkreti biex jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tan-nisa bħala impreduturi;
 2. Jistieden lill-Istati Membri jikkollaboraw b'mod attiv mas-settur privat biex jiġu enfasizzati dawk il-kumpaniji li qed ifittxu li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-aħjar prattiki tagħhom;
 3. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru d-dejta diżaggregata skont is-sess, inkluż dwar l-intraprenditorija soċjali, u jirrapportaw b'mod regolari dwar in-numru ta' impreduturi femminili; jirrakkomanda li d-dejta tinġabar u tiġi kkonsolidata fil-livell Ewropew bl-appoġġ tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Eurostat;

Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-valur tal-intraprenditorija għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jespandu l-appoġġ globali għall-parteeipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol; iħares 'il quddiem, wara d-deċiżjoni li tiġi rtirata l-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva dwar il-Liv tal-maternità, lejn djalogu kostruttiv bejn l-istituzzjonijiet biex jaraw kif l-aħjar jappoġġjaw dawn il-politiki dwar bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
5. Ifakkar fl-importanza tal-kisba tal-miri ta' Barċellona biex il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jsir realtà għal kulħadd, kif ukoll tal-użu tal-fondi Ewropej xierqa biex tiġi ggarantita kura affordabbli għat-tfal u d-dipendenti anzjani;

Informazzjoni u networks

6. Jissottolinja l-importanza li nħarsu lil hinn mill-fażi tal-bidu biex ngħinu lin-nisa jikkonsolidaw u jespandu n-negozji tagħhom u biex jaqilbu għal setturi iżjed innovattivi, sostenibbli u profitabbli;
7. Jilqa' l-ħolqien tad-diversi networks Ewropej għall-impreduturi femminili; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkomunika b'mod iżjed attiv dwar il-kisbiet tal-impreduturi femminili u tirrikonoxxi dawn il-mudelli potenzjali b'mod espliċitu permezz tal-premji għall-Promozzjoni tal-Intrapriżi u l-Kompetizzjoni tal-Innovazzjoni Soċjali Ewropea;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza l-użu tal-forums fil-Pjattaforma Elettronika

Ewropea li jmiss għall-Intraprenditorija tan-Nisa u tinkludi pjan pass b'pass għall-aċċess għall-possibbiltajiet tal-finanzjament Ewropej, filwaqt li tagħmel ukoll il-Pjattaforma Elettronika attraenti għal investituri potenzjali u għas-servizzi tal-gvern tal-Istati Membri f'attentat biex titnaqqas il-burokrazija għall-impreditori femminili billi jiġu ċċarati l-proċeduri amministrattivi;

Aċċess għall-finanzjament

9. Jistieden lill-korpi għall-ugwaljanza tal-Istati Membri biex iżidu l-livell ta' sensibilizzazzjoni fost il-finanzjaturi rigward l-obbligu tagħhom li jiżguraw l-ugwaljanza u jesploraw il-possibbiltajiet għall-introduzzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'mandati ta' investment;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-attività imprenditorjali permezz tal-mikrofinanzjament taħt il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress u jħarsu lejn kollaborazzjoni mas-settur privat għal investment f'setturi "femminili", bħal garanziji għal self mill-gvern;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibdew jakkumulaw dejta diżaggregata skont is-sess dwar l-aċċess tal-impreditori għall-finanzjament u jkomplu jesploraw jekk hemmx evidenza konkreta ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra n-nisa f'dan il-kuntest u, jekk ikun hemm, kif għandhom jiġu indirizzati l-fatturi esterni li jinfluwenzaw il-valutazzjonijiet tal-investituri dwar il-viżibbiltà ta' bidu ta' negozji mmexxija min-nisa;
12. Jilqa' r-reviżjoni tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE u t-traspożizzjoni tagħha mill-Istati Membri fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, imma jiddispjaċih għan-nuqqas ta' fokus fuq l-identifikazzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tirrevedi d-Direttiva billi tqis miżuri iżjed effettivi biex tittratta dan it-tip potenzjali ta' diskriminazzjoni;

Edukazzjoni u taħriġ imprenditorjali

13. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jippromwovu kultura imprenditorjali fil-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ; jenfasizza l-importanza ta' korsijiet finanzjarji, fl-intraprenditorija u fl-iżvilupp ta' negozji ġodda fl-edukazzjoni sekondarja, b'mod speċjali f'suġġetti li jagħżluhom l-iżjed il-bniet, bħall-kura tas-saħħa u servizzi oħra;
14. Jistieden lill-iskejjel u lill-universitajiet biex jinkoraġġixxu lill-bniet u n-nisa jieħdu suġġetti li jwasslu għal karrieri fis-settur finanzjarju jew setturi oħra bi tkabbir kbir bħat-teknoloġija, inkluż it-teknoloġija ekoloġika, u l-IT;
15. Jistieden lill-Istati Membri jikkollaboraw mas-settur privat, l-NGOs u l-universitajiet biex jistabbilixxu iżjed programmi ta' apprendistat, inkluż dawk li fihom l-istudenti jwettqu proġetti ta' żvilupp ibbażati fuq kunċetti reali tan-negozju minn età żgħira 'l fuq u inkubaturi tan-negozju li għandhom l-għan li jagħtu s-setgħa lill-impreditori żgħażaġh;

Intraprenditorija soċjali

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu riċerka li tfittex li tispjega l-attività imprenditorjali akbar tan-nisa fl-intraprenditorija soċjali u l-effett multiplikatur possibbli tagħha fuq l-intraprenditorija tradizzjonali;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji li jivvalutaw il-kumpaniji f'korrelazzjoni mal-kontribut tagħhom għas-soċjetà u l-iżvilupp ta' marki ta' fiduċja għall-intraprenditorija soċjali u ambjentali;
18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-intraprenditorija hija ddefinita fil-Qafas tal-UE bħala mentalità li tippermetti lill-individwi jinvolvu l-motivazzjoni u l-kapaċità tagħhom fl-identifikazzjoni ta' opportunità u fl-ispinta biex isegwuha sar-realizzazzjoni sħiħa tagħha. Filwaqt li l-intraprenditorija kienet prijorità politika sa mit-tnedija tat-Trattat ta' Lisbona, l-Unjoni Ewropea xorta għadha lura b'rata imprenditorjali ta' 12 % fil-pajjiżi tal-UE-27 fl-2009, meta mqabbla mar-rati ta' 27 % u 21 % fiċ-Ċina u fl-Istati Uniti¹. Huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li sabiex l-Ewropa terġa' lura għat-tkabbir u sabiex jinħolqu impjiegi ġodda, l-Unjoni Ewropea teħtieġ iżjed imprendituri u l-Istrateġija tagħha għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (Ewropa 2020) issemmi b'mod espliċitu li huma meħtieġa inizjattivi ta' politika iżjed konkreti biex tiġi żviluppata l-intraprenditorija Ewropea. L-intraprenditorija femminili jistħoqqilha attenzjoni partikolari f'dan il-kuntest minħabba li l-indipendenza ekonomika ugwali għadha mhix rikonoxxuta fl-Unjoni Ewropea u r-rata tal-impjieg tan-nisa ta' 59.6 % fl-2014 fil-livell tal-UE-28 mhix konformi mal-mira tal-impjieg ta' 75 % tal-Ewropa 2020, u lanqas ma' dik tal-irġiel, ta' 70.1 %².

1. L-intraprenditorjat femminili fl-UE: ħarsa ġenerali

Id-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel għadhom evidenti fil-karrieri imprenditorjali; miċ-ċittadini kollha li kienu jaħdmu għal rashom fl-UE-28 fl-2012, 31 % biss kienu femminili. Ċifri li huma kkonfermati mill-preferenzi tal-impjieg ta' ċittadini Ewropej: il-Flash Eurobarometer tal-2012 sab li n-nisa huma aktar probabbli mill-irġiel li jippreferu jaħdmu bħala impjegati (b'marġni ta' 63 % għal 53 %) u l-irġiel huma aktar probabbli min-nisa li jippreferu l-impjieg indipendenti (42 % għal 33 %). L-irġiel huma aktar inklinati min-nisa li jqisu l-impjieg indipendenti bħala alternattiva fattibbli u huma effettivament aktar probabbli min-nisa (29 % għal 17 %) li jkunu bdew negozju, għamlu akkwiżizzjoni ta' intrapriża, jew qed jipplanaw biex jibdwew il-kumpanija tagħhom³. Fil-fatt, huwa probabbli li l-imprendituri femminili jibdwew il-kumpaniji tagħhom b'inqas esperjenza mill-irġiel.

Meta n-nisa jistabilixxu n-negozji tagħhom, jagħmlu dan aktar ta' spiss f'setturi relatati mas-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali jew fl-edukazzjoni filwaqt li l-imprendituri maskili jinstabu b'mod aktar frekwenti fi gruppi ta' setturi tal-kostruzzjoni, it-trasport u l-ICT. Billi ħafna minn dawn tal-aħħar huma setturi b'rati imprenditorjali ogħla u kollha għandhom valur miżjud ekonomiku għoli, mhuwiex sorprendenti li fl-2012 id-dħul nett tal-imprendituri femminili kien 6 % iżjed baxx minn dak tal-irġiel. Barra minn hekk, in-negozji tagħhom jibqgħu iżgħar b'23 % tal-imprendituri femminili fl-UE-28 li huma impjegaturi, meta mqabbel mat-30 % tal-irġiel⁴.

Jidher li n-nisa Ewropej għandhom ukoll raġunijiet differenti għaliex jagħmlu l-pass lejn l-intraprenditorija; aktar spiss in-nisa jsostnu li dan jagħmluh minħabba n-neċessità għaliex l-intraprenditorija toffrilhom l-opportunità biex jikkombinaw ix-xogħol mal-kompiti ta' kura tagħhom, pereżempju għat-tfal jew l-anzjani tagħhom, u żżidilhom l-opportunitajiet biex

¹ Kummissjoni (2010), Flash Eurobarometer 283 dwar "Intraprenditorija u lil hinn"

² Kummissjoni (2015), Statistika tal-Eurostat Spjegata, Statistika dwar l-impjieg

³ Kummissjoni (2012), Flash Eurobarometer 354 dwar "Intraprenditorija fl-UE u lil hinn"

⁴ Kummissjoni (2014), Rapport dwar "Dejta statistika dwar l-imprendituri nisa fl-Ewropa"

jaħdmu mid-dar. Biex dan l-argument jissaħħaħ, id-dejta turi li 30 % tal-imprendituri femminili qed jaħdmu part-time, meta mqabbel ma' 12 % tal-irġiel.

2. Ostakoli għall-intraprenditorija femminili l-isfida tal-aċċess għall-finanzjament

L-istess bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li l-intraprenditorija tista' toħloq għan-nisa, madankollu jirrappreżenta wkoll l-ewwel ostakolu ta' għaliex għandu r-riskju li jdaħħal lin-nisa f'ċirku vizzjuż filwaqt li jkollhom inqas opportunitajiet biex jiksbu l-esperjenza maniġerjali biex imexxu n-negozji ta' għhom, biex jibnu l-istorja tal-kreditu ta' għhom u biex jiksbu l-fiduċja mingħand l-investituri.

Fir-rigward ta' dawn l-investituri, jeżistu wkoll differenzi fil-mod kif in-nisa u l-irġiel jiffinanzjaw il-kumpaniji ta' għhom. Filwaqt li parti kbira minn dawn id-differenzi¹ huma inevitabbilment marbuta mas-setturi li fihom joperaw l-impredituri femminili u d-daqsijiet tal-intrapriżi ta' għhom, dawn jinkludu nisa li jibdeu in-negozju ta' għhom b'livelli iżjed baxxi ta' kapital u b'self ta' inqas flus, li jiddependu aktar spiss mill-irġiel fuq membri tal-familja għall-finanzjament u li jkollhom inqas dipendenza fuq il-finanzjament b'dejn. Fi kliem ieħor: in-nisa jagħmlu inqas użu mill-finanzjament estern, bħas-self mill-banek u l-kreditu tal-fornitur, u huma aktar probabbli li jduru għal finanzjament iżjed għali. Dan jista' jiġi kkonfermat mis-sejba li l-impredituri femminili għandhom it-tendenza li jkollhom problemi biex jaċċessaw il-finanzjament b'ekwiżità: billi l-investituri ta' ekwiżità, bħall-investituri informali, ta' spiss huma ħafna iżjed interessati fil-potenzjal ta' tkabbir tal-kumpaniji, dan jista' wkoll ikun relatat mal-iskala tan-negozji tal-impredituri femminili. Min-naħa l-oħra, ir-riċerka wriet ukoll li ħafna drabi n-nisa ma jippruvaw bl-ebda mod jaċċessaw il-finanzjament b'ekwiżità. Minkejja li, għal darb'oħra, ir-riċerka² hija limitata, ikun interessanti li naraw kif il-perċentwal ta' nisa li jaħdmu bħala investituri jista' jinfluwenza dawn iċ-ċifri: wara kollox, l-involvement ta' persuni minn ambjenti diversi fil-proċessi tal-investment jista' jgħin ukoll biex jevita l-ħsieb fi grupp jew sterjotipat.

L-ispjega ta' dawn id-differenzi fl-aċċess għal, u fl-użu ta', finanzjament tibqa' waħda diffiċli. Bħalma diġà ddikjara l-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2011 dwar l-intraprenditorija tan-nisa f'impriżi żgħira u ta' daqs medju³, in-nisa jista' jkollhom inqas għarfien dwar l-għażliet disponibbli ta' finanzjament, approċċ iżjed kawt mill-irġiel għat-teħid tar-riskju ekonomiku u finanzjarju jew inqas esperjenza fil-ġestjoni finanzjarja mill-kontropartijiet irġiel ta' għhom. Minkejja l-komplessità kbira ta' għha u n-nuqqas ta' evidenza konklussiva, huwa importanti li tiġi indirizzata iżjed il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra impredituri femminili mill-fornituri tas-servizzi finanzjarji rigward l-aċċess għall-kreditu. L-isterjotipi dwar il-kapaċitajiet tan-nisa u l-irġiel fil-qasam tal-intraprenditorija xorta jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-partijiet interessati dwar negozji ġodda. Madankollu, is-sempliċi perċezzjoni li n-nisa tista' ssir diskriminazzjoni kontrihom meta jippruvaw jaċċessaw il-finanzjament fiha nnifisha aktarx li jkollha impatt fuq id-deċiżjonijiet ta' għhom biex jibdeu il-kumpaniji ta' għhom stess jew li jagħmlu dan b'self ta' inqas flus.

Id-Direttiva 2004/113/KE tipprojbixxi b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni diretta jew indiretta għas-servizzi finanzjarji, inkluż is-self mill-banek. M'hemm l-ebda evidenza konklussiva li turi li qed isseħħ diskriminazzjoni diretta fl-Istati Membri - wara kollox, in-nuqqas tal-għoti

¹ Parlament (2015), Studju tad-Dipartiment tal-Politika dwar "L-Intraprenditorija tan-Nisa: nagħlqu d-disparità bejn is-sessi fl-aċċess għas-servizzi finanzjarji u servizzi oħrajn u fl-intraprenditorija soċjali"

² KPMG (2015), Rapport dwar "In-Nisa f'Investimenti Alternattivi"

³ P7_TA(2011)0367

ta' finanzjament lill-impreditori femminili jista' jkun relatat ukoll mal-loġika ekonomika fejn l-investituri jfittxu redditu ogħla fuq l-investment, f'kumpaniji fuq skala akbar li spiss huma bbażati fis-setturi iżjed profitabbli u ddominati mill-irġiel. Madankollu, jidher li hemm xi evidenza li turi li qed isseħħ xi diskriminazzjoni indiretta, kif deskritta hawn fuq, li hja influwenzata wkoll mill-perċezzjonijiet tan-nisa dwar l-aċċess għall-finanzjament.

3. L-intraprenditorija soċjali: opportunità għall-intraprenditorija integrata?

Spiss jintqal li d-disparità bejn is-sessi għall-intraprenditorija soċjali hija iżgħar minn dik tal-intraprenditorija tradizzjonali u fil-fatt tista' toffri għarfien prezzjuż dwar kif jistgħu jingħelbu l-ostakoli għall-intraprenditorija femminili. L-involviment fl-intraprenditorija soċjali mhux biss huwa maħsub li jippermetti lin-nisa jikkontribwixxu għall-komunitajiet lokali u l-inklużjoni soċjali¹ imma jista' wkoll jagħtihom is-setgħa bħala impreditori billi jipprovdi lil dawn in-nisa bil-ħiliet u l-kunfidenza xierqa. Id-definizzjoni ċara u l-fehim tal-intraprenditorija soċjali u valutazzjoni korretta tan-negozji soċjali huma madankollu neċessarji biex dan jinkiseb, mhux l-inqas biex jiggarrantixxu wkoll il-finanzjament għall-intrapriżi impreditorjali soċjali.

Teżisti dejta insuffiċjenti dwar l-attività tan-nisa f'dawn in-negozji li jużaw is-suq biex jissodisfaw il-bżonnijiet soċjali, imma r-riċerka mill-Monitoraġġ Intraprenditorjali Globali² tal-2009 turi li għalkemm l-irġiel huma aktar probabbli li jibdew intrapriża soċjali min-nisa, in-nisa nfushom huma iżjed attivi bħala impreditori fl-intrapriżi soċjali. L-OECD³ tispjega li, l-ewwel nett, l-evidenza fuq il-post turi livell ogħla ta' altruiżmu u preferenzi iżjed b'saħħithom għar-ridistribuzzjoni fost in-nisa u, t-tieni, in-nisa jkunu iżjed avversi għall-kompetizzjoni u għalhekk iżjed attirati lejn is-swieq iżjed ġodda tal-intrapriżi soċjali. B'mod speċjali fid-dawl tat-tieni spjegazzjoni tagħha, meta jitqies it-tkabbir previst fis-setturi kkonċernati li mingħajr dubju se jżid il-persjoni kompetittiva, huwa importanti li tiġi assicurata l-preżenza femminili fl-intraprenditorija soċjali llum.

¹ EIGE (2015), Studju dwar "Il-Promozzjoni tal-Indipendenza Ekonomika u l-Intraprenditorija tan-Nisa - Prattiki Tajba"

² Konsorzju GEM (2009), Monitoraġġ Intraprenditorjali Globali

³ OECD (2014), Dokument ta' Ħidma dwar "L-Intraprenditorija Soċjali tan-Nisa u l-Innovazzjoni"